MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 247/2005

**Avviz numru 247/05DM**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**Felix Farrugia (ID 301653 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-Bank attur talab il-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm1,621.83) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Accounts' ta' Felix Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c. 'Dok. A1 u A2' u 'B1 sa B4' annessi ma' l-Avviz flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-14 ta' April, 2005, sal-jum tal-pagament effettiv, liema 'Loan Accounts' gew moghtija lill-konvenut permezz ta' zewg skritturi privati datati 21 ta'

Awissu, 2000, u 27 ta' Lulju, 2001 (Dok. 'C' u 'D') annessi ma' l-Avviz.

U dan wara li din il-Qorti tiddikjara illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati hawn fuq indikati u cioe' Dok. 'C' u 'D' partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Felix Farrugia (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati, u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi privat sopraindikati, u/jew ( c ) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 24 ta' Awissu, 2004, (Dok. 'E') annessa ma' l-Avviz u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-istess konvenut ipprezentata fir-registru wara li giet konfermata bil-gurament mill-istess konvenut, permezz ta' liema nota l-konvenut ammetta t-talba attrici;

Ghaldaqstant fuq ammissjoni l-Qorti ssib illi t-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati u ghandhom jigu kkonfermati u konsegwentement qieghda fl-ewwel (1) lok tiddikjara illi ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu lilu koncess ghall-hlas tad-debitu u li l-istess debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa, u konsegwentement qeghda tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-Bank attur is-somma globali ta' elf, sitt mija, wiehed u ghoxrin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm1,621.83) ghar-ragunijiet indikati fl-istess Avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mil-14 ta' April, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------